

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1770**tal-5 ta' Ottubru 2021****li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja u li għandhom tul totali ta' 12-il metru jew aktar u inqas minn 18-il metru**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat mal-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) u applikabbli għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha li għandhom tul totali ta' 12-il metru jew aktar u inqas minn 18-il metru, jitqies li ntlaħaq għall-2021.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak il-grupp ta' stokkijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-isforz**

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli allokat lill-Italja għall-grupp ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-2021 imsemmi fl-Anness għandu jitqies li ntlaħaq mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-grupp ta' stokkijiet imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha u li għandhom tul totali ta' 12-il metru jew aktar u inqas minn 18-il metru, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rrilokat, ittrażbordat jew li jinħatt l-art.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2021 (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Nru	15/TQ90
Stat Membru	L-Italja
Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd	EFF2/MED2_TR2
Grupp ta' stokkijiet	Il-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11
Tul totali tal-bastimenti kkonċernati	≥ 12 m u < 18 m
Data tal-għeluq	15.8.2021